MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2006

Numru. 78/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**

**V**

**LUCIA SALIBA bint Francis u Antonia nee' Farrugia, imwielda fil-24 ta' Ottubru 1964 u residenti 11, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex. Numru ta' l-Identita' 41764(G).**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **LUCY SALIBA** bint Francis u Antonia nee' Farrugia, imwielda fil-24 ta' Ottubru 1964 u residenti

11, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex. Numru ta’ l-Identita’ 41764G giet imressqa quddiemha u akkuzata fit-tnax [12] ta’ Jannar, 2006 ghal habta tad-disgha ta’ bil-lejl go Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug Ghawdex, volontarjament ghamlet hsara ghad-dannu ta’ Maria Cini u dana billi volontarjament gharrqet jew ghamlet hsara billi taqbet pajp tal-plastic u gibdet pajp tal-plastic iehor liema hsara tammonta ghall-anqas minn hamsin lira maltin (Lm50);

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika l-artikolu 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta .

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Maria Cini, Ursola Agius, PC 21 George Mercieca, PS 676 Spiteri u lil imputata tixhed minn jeddha b’mod voluntarju.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istimi u l-fedina penali tal-imputata.

Il-Qorti semghet il-Provi tal-Prosekuzzjoni u jirrizulta b’mod car mix-xhieda li taw il-kwerelanti illi kienet l-imputata u hadd izjed li kkaguna l-hsarat imsemmija fil-komparixxi li kienu proprjeta’ ta’ Maria Cini u ghaldaqstant wara li rat il-fedina penali voluminuza tal-imputata u b’mod partikolari li diga nstabet hatja ta’ diversi reati u kontravenzjonijiet fil-konfront tal-istess Maria Cini u ohtha Ursola Agius, l-imputata ma tghalmitx mill-pieni ta’ multi w amendi li nghatat.

Ghalhekk wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li ssib lil imputata LUCIA SALIBA hatja tal-akkuza kif migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta’ xaghrejn [2] sospizi ghal sentejn [2] bl-applikazzjni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta’ din is-sentenza lill-imputata u x’jigri f’kaz li hi tonqos li tosservha u l-imputata ddikjarat li fehmet dan ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------